MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 1306/1997/1

***Mid-Med Bank p.l.c.*, illum *HSBC Bank Malta p.l.c.***

***Versus***

**Carmelo Chetcuti**

B'sentenza mogħtija fit-13 ta' Jannar 2004 din il-qorti iddikjarat illi l-konvenut Carmelo Chetcuti waqaf mill-ħlasijiet lill-kredituri tiegħu fid-9 ta' Ġunju 1995 u huwa fi stat ta' falliment. Fl-10 t'Ottubru 2006 ingħata dikriet ta' verifika tal-krediti. Il-kuraturi tal-falliment sabu illi l-konvenut ma għandux assi li minnhom jistgħu jitħallsu l-kredituri.
L-artt. 517 *et seqq*. tal-Kodiċi tal-Kummerċ iridu illi, wara l-verifika tal-krediti, isir akkordju bejn il-fallut u l-kuraturi sabiex tkun tista' ssir ir-rijabilitazzjoni tal-fallut, jew, fin-nuqqas ta' akkordju, issir gradwazzjoni tal-kredituri sabiex dawn jitħallsu mill-prezz li jinġieb mill-bejgħ tal-assi tal-

fallut. Fil-każ tallum, iżda, minħabba n-nuqqas ta’ assi, la jista’ jsir l-akkordju u lanqas huwa l-każ li ssir il-gradwazzjoni ta-kredituri.

Għal dawn ir-raġunijiet ma huwiex il-każ illi sseħħ ir-rijabilitazzjoni tal-fallut, iżda lanqas ma hemm utilità li jitkompla l-uffiċċju tal-kuratur billi ma hemmx beni x’jamministra l-kuratur[1].

Il-qorti għalhekk ittemm il-ħatra tal-kuraturi u l-istat ta’ falliment sabiex hekk l-amministrazzjoni terġa’ tiġi f’idejn il-konvenut, b’dan illi l-kredituri jerġgħu jiksbu l-jeddijiet tagħhom kontra l-konvenut fuq il-beni kollha li dan għad jista’ jkollu.

L-ispejjeż kollha għandu jħallashom il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ara Amabile Laferla *versus* Amabile Fiteni *et*, Q. Kumm. 7 ta’ Novembru 1893.